MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 499/1997/1

Pauline Camilleri
vs
Direttur Avjazzjoni Civili u Malta International Airport Limited li giet kjamata fir-rikors b'digriet tad-9 ta' Marzu 1999

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta taL-1988 ir-rikorrenti sofriet pregudizzju u Ingustizzja konsistenti fil-fatt illi giet Ingustament u ghal ebda raguni giet trasferita u ma nghatatx il-grad ta' Security Frisker.

Illi l-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti qabel ma ingustament giet trasferita, kienet ilha tippresta s-servizzi taghha bhala frisker ghal madwar 4 snin.

Illi dan ix-xoghol hija dejjem ghamlitu b'sens ta' lejalta u b'effeicjenza u qatt ma kien hemm rapporti hziena fil-konfront taghha mis-Superjuri taghha u dan avolja kienu jafu illi l-grad taghha kien dak ta' telephone operator.

Illi minghajr ebda raguni r-rikorrenti giet trasferita fuq il-pretiza li hija ma kenitx tiddetjeni l-grad ta' frisker biex minflokha gew imdahhla persuni li ma kellhomx l-esperjenza li hija kienet akwistat tul erba snin.

Illi f'Settembru 1989 kienet harget is-sejha ghall-grad ta' Security Frisker u r-rikorrenti kienet issottomettiet l-applikazzjoni taghha pero` meta hargu r-rizultati hija ma gietx maghzula u dan avolja hija kienet tiddetjeni l-esperjenza gja indikata servizz gja rez u l-kwalifiki kollha mitluba.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex isostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li ghametl referenza ghall-fuq espost u irriservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessari u opportuni, talbet lil dan it-Tribunal joghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u tinghata rimedju billi (1) jigi dikjarat illi fil-konfront taghha giet kommessa ingustizzja (2) u tigi moghtija dik il-promozzjoni ghall-grad ta' Security Frisker b'lura mis-sena 1989 flimkien mal-beneficcji li tali promozzjoni ggib maghha u (3) kumpens ta' Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofriet minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront taghha.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili li eccepixxa:

Illi minn Mejju 1988 ir-responsabilita` ghall-amministrazzjoni ta' l-Air Terminal giet f'idejn il-Manager Air Terminal Department; f'Jannar 1992 il-Malta International Airport Limited hadet f'idejha r-responsabbilita` tat-tmexxija ta' l-Air Terminal.

Jidher car li d-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili mhuwiex il-legittimu kontradittur. Ghaldaqstant l-intimat talab li t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghha.

Ra r-risposta ta' Malta International Airport p.l.c. gja Malta International Airport Limited li eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, il-kumpanija intimata giet notifikata bil-fuq imsemmi rikors bhala Malta International Airport Limited, izda mill-1 ta' Awissu 1997, l-istess kumpanija intimata ikkonformat ma' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji (Att XXV ta' l-1995) u minn dik id-data isem il-kumpanija intimata issa huwa Malta International Airport plc u ghalhekk hemm lok ta' korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri;

2. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost peress illi l-kumpanija intimata giet kjamata f'dawn il-proceduri b'digriet ta' dan it-Tribunal tad-9 ta' Marzu 1999 u peress illi l-att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, li tahtu qeghdin isiru dawn il-proceduri dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz legali 63 ta' l-1997 ai termini ta' l-arikolu 9 ta' l-istess Att, lahaq skada t-terminu li fih jista' jigi accettat ilment kontra il-kumpanija intimata taht l-istess Att;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Malta International Airport p.l.c. gja Malta International Airport Limited giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 u bejn dik id-data u l-31 ta' Dicembru 1991 l-impjegati taghha kienu biss is-segwenti: George Papagiorcopoulo, Dottoressa Loredana Gatt, Simon Naudi (li llum ma

ghadhomx fl-impieg tal-kumpanija intimata) Mario Cuomo, Norman Cassar, Austin Calleja u Emanuel Briffa;

4. Illi mbaghad fl-1 ta' Jannar 1992 il-Kumpanija assumiet ukoll l-impieg ta' dak l-impjegati li fit-31 ta' Dicembru 1991 kienu impjegati ma l-Air Terminal Department tal-Gvern ta' Malta.

5. Illi Pauline Camilleri fl-ebda zmien ma kienet fl-impieg ta' Malta International Airport p.l.c. gja Malta International Airport Limited u aktar u aktar la setghet inghatat **transfer** fl-1988 u lanqas ma tigix promossa ghall-grad ta' **Security Frisker** f'Settembru 1989 mill-kumpanija intimata li giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991.

Ra l-lista tax-xhieda tal-Malta International Airport p.l.c.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehdet <u>ir-rikorrenti</u> u kkonfermat il-fatti kollha msemmija fir-rikors.

Xehed <u>Frederick Attard</u> Senior Officer fil-Malta International Airport, li qal li mill-1986 sal-1988 kien Duty Management Officer fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, u qal li lir-rikorrenti jiftakarha bhala Security Frisker fid-departure lounge u fil-ferghat ohrajn tal-ajruport, u l-grad taghha kien fi grupp C. Qal li f'Mejju 1988, ftit qabel ma spiccaw minn Air Terminal Department, ir-rikorrenti ma marritx l-Air Terminal u giet trasferita ghal xi mkien iehor. Qal li fis-16 ta' Mejju 1988 l-Air Terminal Department gie hived off. Semma li kienet saret sejha ghas-Security Friskers wara l-1988 taht l-Air Terminal Department, izda spjega li wara l-1988, marru nies jahdmu ta' Security Friskers li ma kellhomx l-appointment ta' Security

Friskers, u wara saru permezz tas-sejha li kienet harget fl-1988. Semma diversi nies li ma kinux friskers u kienu jaghmlu xoghol ta' friskers, bhal Horace Muscat li kien labourer, Alfred Agius, Alfred Buttigieg, Bernard Bezzina li kien postman, Patrick Demanuele u Joseph Aquilina, fost ohrajn.

In kontro-ezami qal li influss kbir ta' nies kienu dahlu wara l-elezzjoni tal-1987. Sal-15 ta' Mejju 1988 id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kien jikkontrolla l-Air Terminal, l-Airfield u l-ajruport izda wara gew hived off u gie ffurmat l-Air Terminal Department b' Kap separat izda xorta baqghu responsabbli fuq certu doveri lejn id-DCA. Kienu responsabbli direttament lis-Sur Paul Mifsud izda f' xi sezzjonijiet lejn is-Sur Fenech bhal fil-kaz tal-uplift requests. In segwitu l-MIA giet iffurmata fis-16 ta' Mejju 1991.

Zied ighid li rikorrenti kienet telephone operator u kienet taghmel xoghol ta' frisker, izda xorta kienet tiffirma bhala Telephone Operator, izda f'Mejju 1988 giet trasferita ghall-Inland Revenue.

Xehed Joseph Cassar Duty Officer mal-Malta International Airport, li qal li fl-1987, kien Management Duty Officer fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u r-rikorrenti kienet tahdem fis-sezzjoni tieghu bhala security. Hu ddeskriviha bhala dixxiplinata fuq xogholha, tahdem tajjeb u tista' tafdaha. Qal li ghall-habta tal-1988 ir-rikorrenti kienet giet trasferita ghal dipartiment iehor. Qal li r-rikorrenti kellha rakkomandazzjonijiet tajbin u ma rax skop ghaliex tnehhiet minn hemm.

In kontro-ezami qal li r-rikorrenti qatt ma kienet impjegata mal-Malta International Airport u semma li kien hemm hafna li kellhom grad iehor u kien jaghmlu xoghol ta' Security Friskers. Qal li kien hemm grupp ta' nies li dahlu qabel Mejju 1988, u fl-1988 stess kien inholoq l-Air Terminal Department, u fl-1989 kienet harget sejha ghal Security Friskers.

Giet prodotta x-xhieda ta' John Vassallo rapprezentant tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili moghtija fil-kawza Rose Falzon vs Direttur DCA fejn intqal li qal li dawk il-persuni li kienu jaghmlu xoghol ta' Friskers kienu jithallsu mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, u jidher li kien hemm numru ta' nies mislufin mad-Dipartiment fosthom ir-rikorrenti. Spjega li dan dam sakemm twaqqaf l-Air Terminal Department fis-16 ta' Mejju 1988. Zied ighid li meta l-Air Terminal u d-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili saru separati, il-Friskers, l-Airport Attendants u xi impjegati ohra gew assorbiti mill-Air Terminal Department, u eventwalment xi whud gew trasferiti, u ma setax jaghti raguni ghaliex gew trasferiti.

Giet prodotta x-xhieda ta' Salvu Fenech li kien Direttur tal-Avjazzjoni Civili minn Dicembru 1983 sa Lulju 1999 fil-kawza Mary Grace Mallia vs Direttur DCA fejn intqal li qal meta kien mar fid-Dipartiment kien staqsa lill-ufficju tal-Prim Ministru biex jirrekluta nies godda minn barra, peress li kien hemm nuqqas ta' nies u kienu ntbaghtu nies mid-Dejma fosthom xi Friskers. Semma li f'Mejju 1988, kien gie deciz li l-Air Terminal Department li kien parti mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili jinqata' u jigi dipartiment ghalih u din id-decizjoni kienet ittiehdet mill-Gvern. Qal li Manager fl-Air Terminal Department sar fis-16 ta' Mejju 1988 u kien Pawlu Mifsud, u tah handover u wara Dicembru 1988 ma baqax iktar responsabbli ghall-Air Terminal Department. Specifika li sa Dicembru 1988, kien baqa' responsabbli biss fir-rigward ta' finanzi. Spjega li meta xi Friskers kienu gew trasferiti minn mad-dipartiment, ma giex konsultat bl-ebda mod.

In kontro-ezami qal, li meta kien mar id-dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kien talab ghal rekrutagg ta' numru ta' nies, u fosthom kienu gew numru ta' nies li gew minn barra u fosthom marret Pauline Camilleri. Semma li tawhom tahrig u dawk li kienu tajbin fix-xoghol, fosthom ir-rikorrenti, inzammu. Zied ighid li meta f'Mejju 1988, l-Air Terminal kien sar dipartiment separat hu ma baqax responsabbli ghall-Friskers.

Xehed Renald Gafa` Officer Aviation Services mal-Malta International Airport. Ikkonferma li ghall-habta tal-1989 kien hemm sejha ghall-applikazzjonijiet ghal friskers, u l-ezami li kien sar kien jikkonsisti biss f'intervista u kien evidenti li gew maghzula certa nies u gew ippustjati minflok xi ohrajn li diga kienu hemmhekk. Hu ddeskriva lir-rikorrenti li kienet dejjem taghmel xogholha u kienet ubbidjenti.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi b' sentenza ta' dan it-Tribunal tat-22 ta' Gunju 2000 kien gie deciz li l-Malta International Airport Limited giet kjamata fil-kawza wara t-terminu stipulat u ghalhekk it-Tribunal kien illibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li ordna li l-ilment jibqa' jigi investigat fil-konfront tal-intimat l-iehor.

L-ilment tar-rikorrenti ghandu zewg aspetti u cioe` l-aspett tan-nuqqas tal-promozzjoni tal-1989 kif ukoll dak tat-trasferiment.

A] ***Nuqqas ta' promozzjoni ghal Security Frisker***. Ir-rikorrenti gabet hafna provi minn fejn jirrizulta li kienet persuna dedikata hafna ghax-xoghol izda li ma' dana kollu xorta ma haditx il-promozzjoni. Hi tirreferixxi ghal applikazzjonijiet li hargu fl-1989 izda meta wiehed jezamina l-process jirrealizza li hafna mill-funzjonijiet tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili spiccaw fil-15 ta' Mejju 1988 u dawn gew assunti mid-Dipartiment tal-Air Terminal ghal xi zmien qabel ma dahlet l-MIA fl-1991. Kien hemm Kap separat. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugja vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. La kien hemm dipartiment iehor u cioe` l-Air Terminal Department l-azzjoni tar-rikorrenti messha kienet diretta kontra tali dipartiment u jekk dan ma kienx ghadu aktar jezisti kontra s-successur

tieghu fiz-zmien preskritt mill-ligi. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili li dwar il-promozzjoni ma ghandux responsabbilta`.

B] Illi ***r-rikorrenti ilmentat ukoll dwar transfer***. Ir-rikorrenti ma baqghetx taghmel ix-xoghol ta' Security Frisker izda giet trasferita ghal ma' dipartiment iehor. Ma giet moghtija ebda raguni valida ghaliex giet trasferita u hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza minnu fit-23 ta' Marzu, 1999 fejn intqal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tal-intimat dan semma li r-rikorrenti kienet irregularly employed. Izda mkien ma sar prova ta' dan hlief li jissemma li r-rikorrenti kienet giet mid-Dejma. Dan fil-fehma tat-Tribunal mhux sufficjenti bhala prova kontra r-rikorrenti dwar l-aspett tat-trasferiment specjalment meta tali eccezzjoni ma gietx moghtija formalment.

Ghal dawn il-motivi peress li jsib l-ilment dwar trasferiment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------